## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 1208/2023 MS*

**Mario Abdilla**

**Vs.**

**L-Avukat Dr Brandon Kirk Muscat u l-Prokuratur Legali Davina Ellul Sullivan bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien mhux magħrufa u/jew assenti tas-sehem indiviż rimanenti tal-fond bin-numru tnax (12) bl-isem 'Mario ċ-Ċurkett', fi Triq l-Imtarfa, Mtarfa**

Illum, 19 t'April, 2024

Kawża Numru: 5

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attur fl-24 t'Ottubru, 2023, li permezz tiegħu wara li ppremetta dan li ġej:

Illi permezz ta' konvenju iffirrmat fil-prezenza tan-Nutar Dr Rachelle Farrugia Buhagiar fit-tletin (30) ta' Dicembru tas-sena 2021, ir-rikorrenti obbliga ruhu li jbiegh, jassenja u jitrasferixxi lil Marthese Vella, detentrici tal-karta tal-identita' numerata 231276M li min-naha taghha obbligat ruhha li tixtri u takkwista il-fond numru tnax (12) bl-isem ta' 'Mario c-Curkett', Triq l-Mtarfa, Mtarfa, illi jinsab fil-pjan terran eskluza l-arja relattiva stante li jigi sottopost ghall-beni ta' terzi persuni u dana versu l-prezz, pattijiet u kundizzjonijiet hemm imfissra – konvenju anness u mmarkat bhala **Dok 'A'**.

Illi meta n-Nutara Dr. Rachelle Farrugia Buhagiar wettqet ir-ricerki fit-titolu tar-rikorrenti, irrizulta li s-sehem ta' tnejn u ghoxrin minn mija u hamsa u tletin (22/135) ma jappartjeniex lir-rikorrent.

Illi skont l-arblu geneologiku mfassal min-Nutara Dr. Rachelle Farrugia Buhagiar, din il-proprjeta' kienet tappartjeni fis-shih lil Paul Mifsud u Maria Carmela Micallef, illi, wara l-mewt taghhom, intirtet mid-disa' tfal taghhom u cioe' Doris Livori, Francis Mifsud, John Mifsud, Consiglia Young, Pauline, Rosina Tonna, Rita Micallef, Carmela Bagnali u Josephine Hotton. Illi whud mill-ahwa Micalle mietu u allura wirtuhom it-tfal taghhom skont il-ligi – arblu geneologiku anness u mmarkat bhala **Dok 'B'.**

Illi permezz ta' kuntratt ta' bejgh datat l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) fl-atti tan-Nutara Dr. Rachelle Farrugia, ir-rikorrenti akkwista s-sehem ta' nofs indiviz (1/2) tal-fond mis-segwenti persuni:

It-Tabib tal-Medicina Anthony Livori, Mary Rose Chetcuti, Pauline Gatt, Mary Cachia u Josephine Gatt, ilkoll ulied Doris Livori, bint Paul Mifsud, ghas-sehem ta' nona parti indiviza (1/9) mill-fond de quo'.
Francis Mifsud, wiehed mid-disa' ahwa Mifsud, ghas-sehem tieghu ta' nona parti indiviza (1/9).
Mario Mifsud, Paul Mifsud, Carmen Gatt, Maria Dolores Mifsud, ilkoll ahwa Mifsud u ulied John Mifsud bin Paul Micallef, ghas-sehem taghhom ta' nona parti indiviza (1/9).
Marygold sive Mary Ferrigi, bint Consiglia Young, gja msemmija, ghas-sehem taghha ta' wiehed minn sebgha u ghoxrin partijiet indivizi (1/27),
Thomas Young, iben Charlie Young illi huwa iben Consiglia Young, ghas-sehem tieghu ta' wiehed minn erbgha u hamsin (1/54) partijiet indivizi.
Paul Joseph Micallef, Joseph Victor Micallef, Joanne Mifsud, Edward Micallef, Rita Micallef u Mary Rose

Mifsud, ilkoll ulied Pauline Micallef nee Mifsud, ghas-sehem taghhom ta' nona parti indiviza (1/9) – **Dok'C'.**

Illi tramite l-kuntratt ta' bejgh tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) fl-atti tan-Nutara Dr. Rachelle Farrugia Buhagiar, Mario Abdilla akkwista s-sehem ta' sbatax minn disghin (17/90) parti indiviza tal-fond in mertu minghand is-segwenti partijiet:

Carmen Traynor, Mary Djusic, Joseph John Tonna, ilkoll ulied Rosina Tonna, bint Paul Micallef.
Mary Martin, James Andrew Bagnall u Jean Smith, ilkoll ulied Carmela Bagnall, bint Paul Micallef.
Josephine Wells, bint Josephine Hotton illi sussegwentement tigi bint Paul Micallef.
Wendy Ann Frost, Mark Anthony Kissack u Debra Louise Kissack, ilkoll ulied Brenda Kissack, bint Josephine Hotton, gja msemmija – **Dok 'D'.**

Illi permezz tal-kuntratt tal-bejgh datat it-tmintax (18) ta' April tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) fl-atti tan-Nutara Dottor Rachelle Farrugia Buhagiar, ir-rikorrenti akkwista minghand Paula Micallef sehem minn tmintax-il sehem (1/18) tal-fond in mertu. Illi Paula Micallef kienet wirtet is-sehem taghha minn ommha Rita Caterina Micallef illi kienet wahda mid-disa' ahwa Mifsud u cioe' mit-tfal ta' Paul Mifsud u Maria Carmela Micallef - **Dok 'E'**.

Illi in virtu' tal-kuntratt ta' bejgh fl-atti tan-Nutara Dr. Rachelle Farrugia Buhagiar datat it-tmintax (18) ta' Gunju tas-sena 2021, Thomas Henry Young, Goivanna sive Jane Mercieca u Marianna McLucas bieghu s-sehem taghhom ta' erbatax minn mija u hamsa u tletin sehem indiviz (14/135) lir-rikorrenti. Illi Thomas Henry Young wiret sehemu minn ommu Consiglia Young, Giovanna sive Jane Mercieca wirtet sehemha minn ommha Rosina Tonna nee Mifsud u Marianna McLucas wirtet is-sehem taghha minn omma Rita Micallef, ilkoll ahwa Mifsud, ulied Paul Mifsud – **Dok 'F'.**

Illi ghalhekk lir-rikorrenti jappartjeni mija u tlettax minn mija u hamsa u tletin (113/135) partijiet indivizi tal-fond hawn fuq indikat filwaqt illi r-rimanenti sehem ta' tnejn u ghoxrin minn wiehed u hamsa u tletin partijiet indivizi (22/135) jappartjenu lir-rimanenti dixxendenti ta' Paul Mifsud u Maria Carmela Micallef li r-rikorrent la jaf min huma u lanqas fejn jinsabu.

Illi hadd ma beda azzjoni quddiem xi Qorti jew Tribunal iehor ghall-qsim tal-proprjeta' li hija mizmuma minnhom in

komun, u, *di piu',* ilhom iktar minn tlett snin bhala komproprjetarji, u allura gew sodisfatti r-rekwiziti tal-artikolu 495A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi r-rikorrenti jixtieq li jbiegh din il-proprjeta` komuni favur Marthese Vella ai termini tal-konvenju gja' anness u mmarkat bhala **Dok 'A'**, u dan bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet elenkati fl-istess kuntratt, u versu l-prezz kumplessiv ta' hamsa u hamsin elf ewro (€55,000) pagabbli mal-att finali.

Illi l-esponenti ma huwiex f'pozizzjoni li jbigh l-istess fond minghajr ordni minn dina l-Onorabbli Qorti stante illi r-rimanenti ishma jappartjenu lill-intimati.

Illi l-kwoti rispettivi tal-partijiet jirrizultaw ukoll mill-prospett hawn anness u market bhala **Dok 'G'** r-rikorent jixtieq illi jsir il-bejgh skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet naxxenti l-konvenju iffirmat fil-prezenza tan-Nutar Dr. Rachelle Farrugia Buhagiar fit-tletin (30) ta' Dicembru tas-sena 2021.

Illi ghandu jinghad ukoll illi bil-bejgh tal-propjeta` fuq imsemmija, l-intimati ma humiex ser jigu gravament pregudikati.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza kif mahsub fl-Artikolu 495A tal-Kodici Civili.

ipproċeda biex talab lil din il-qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u wara li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jogħġobha:

1. Tapprova u tawtorizza l-bejgh tal-propjeta` fuq imsemmija, bl-opra ta' periti *nominandi*, a tenur l-Artiklu 495A tal-Kodici Civili, bil-prezz u bil-pattijiet u kundizzjonijiet ohra murija fil-konvenju datat it-tletin (30) ta' Dicembru tas-sena 2021 immarkat bhala **Dok 'A'**, u dan favur ta' Marthese Vella jew kwalunkwe` terza persuna ohra;

2. Tahtar lin-Nutara Rachelle Farrugia Buhagiar sabiex tippubblika l-att finali ta` xiri u bejgh, u tiffissa l-hin, jum u post u tindika wkoll meta u fejn ghandu jigi pubblikat dana l-att finali;

3. Tahtar kuratur/i sabiex jidher/hru fuq l-att finali ta` trasferiment ossia xiri u bejgh ghall-eventwali kontumaci u ghalhekk biex jirrapprezenta/w lil min mill-intimati jonqos

milli jidher ghall-att finali kif ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti;

4. Taghti kull ordni u direttiva li jidhrilha xierqa u opportun inkluz dwar kif ghandu jinzamm ir-rikavat mill-prezz tal-bejgh spettanti lill-intimati.

Bl-ispejjez kontra l-intimati ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

2. Rat id-dikriet tal-20 ta' Novembru, 2023, li bih ġew nominati l-Avukat Dr Brandon Kirk Muscat u l-Prokuratur Legali Davina Ellul Sullivan bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien mhux magħrufa jew assenti tal-ishma ndiviżi rimanenti tal-proprjetà msemmija;

3. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-imsemmija kuraturi deputati fis-16 ta' Frar, 2024[1], li biha dawn eċċepew li m'humiex edotti mill-fatti u rriżervaw li jwieġbu b'mod aktar estensiv meta jingħataw aktar tagħrif;

4. Rat id-dokumenti kollha eżebiti kif ukoll l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

5. Rat li l-kawża ġiet imħollija għal-lum sabiex tingħata sentenza;

Ikkunsidrat:

6. Illi din hija azzjoni li l-attur qed jagħmel taħt l-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili.

7. Fir-rikors li bih bdew dawn il-proċeduri, l-attur jgħid li huwa daħal f'konvenju biex ibiegħ il-fond bin-numru tnax (12) u magħruf bl-isem "Mario ċ-Ċurkett", fi Triq l-Imtarfa, Mtarfa (minn issa 'l quddiem imsejjaħ biss bħala "l-Fond"), lil ċertu Marthese Vella. Huwa jsostni li għandu sehem indiviż mill-Fond, li għalkemm fir-rikors tiegħu jgħid li huwa ta' mija u tlettax minn mija u ħamsa u tletin ($^{113}/_{135}$), fil-mori tal-kawża ippreċiża li dan is-sehem huwa ta' mitejn disgħa u għoxrin minn mitejn u sebgħin ($^{229}/_{270}$)[2].

[1] Ara folio 44.
[2] Ara l-verbal tal-udjenza tal-25 ta' Marzu, 2024, a folio 48.

8. Minn dak li jirriżulta mill-atti, jidher li l-attur kiseb nofs indiviż tal-Fond permezz ta' kuntratt riċevut min-Nutar Pubbliku Rachelle Farrugia fl-24 ta' Novembru 2016[3]. B'kuntratt ieħor tas-27 ta' Marzu 2020[4] fl-atti tal-istess Nutar, l-attur kiseb sehem indiviż ulterjuri ta' sbatax-il parti minn disgħin ($^{17}/_{90}$). L-attur kiseb sehem minn tmintax ($^{1}/_{18}$) b'kuntratt ieħor tat-18 t'April 2021[5], u erbatax-il sehem minn mija u ħamsa u tletin ($^{14}/_{135}$) b'kuntratt ieħor tat-18 ta' Ġunju 2021[6]. Dawn l-ishma ndiviżi flimkien fil-fatt iġibu s-sehem indikat mill-attur fil-mori tal-kawża. In-Nutar Farrugia, li ppubblikat l-atti tal-akkwist kollha tal-attur, xehdet ukoll f'din il-kawża biex tikkonferma l-provenjenza tat-titolu tiegħu kif konstatat minnha permezz tar-riċerki msemmija minnha[7].

9. Il-konvenju ffirmat mill-attur huwa datat 30 ta' Diċembru 2021[8], u l-prezz miftiehem għall-bejgħ sħiħ tal-Fond huwa dak ta' ħamsa u ħamsin elf Ewro (€55,000).

10. L-attur preżenta wkoll rapport mhux maħluf tal-Perit C. Ghigo, li fih hemm dikjarat li l-prezz tas-suq tal-Fond fis-sena 2016 kien dak ta' €55,000[9].

Ikkunsidrat:

11. Illi kif diġà ngħad, l-attur mexxa skont l-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili biex jikseb l-awtorizzazzjoni tal-qorti biex ibiegħ proprjetà komuni mingħajr l-adeżjoni tal-komproprjetarji kollha.

12. Skont l-ewwel subinċiż tal-artikolu 495A: «*Salv meta jkun hemm kondominju jew stat ta' indiviżjoni forzata, meta xi ħaġa tkun inżammet in komun għal iżjed minn tliet snin u ħadd mis-sidien ma jkun beda azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal ieħor għall-qsim tal-proprjetà li tkun qed tinżamm in komun, u l-komproprjetarji jonqsu milli jiftiehmu dwar il-bejgħ ta' xi proprjetà partikolari bejniethom, il-qorti għandha, jekk*

[3] Ara folio 10.
[4] Ara folio 14.
[5] Ara folio 19.
[6] Ara folio 21.
[7] Ara l-affidavit tan-Nutar Rachelle Farrugia a folio 52.
[8] Ara folio 7.
[9] Ara folio 57.

*tkun sodisfatta li ħadd mill-komproprjetarji dissidenti ma jkun gravament preġudikat b'dak li tordna, tawtorizza l-bejgħ skont ma jkun jixtieq l-akbar għadd ta' komproprjetarji fil-qies tal-valur tal-ishma li kull komproprjetarju jkollu».*

13. L-atti juru li l-attur waħdu għandu l-akbar sehem fil-Fond, u ma rnexxielux jikseb l-ishma ndiviżi l-oħrajn tal-Fond minħabba li s-sidien huma assenti minn Malta, inkella mejtin u l-werrieta tagħhom mhux magħrufa. Skont id-dispożizzjoni ċitata, jekk l-istat t'indiviżjoni jkun dam aktar minn tliet snin u ma tkunx inbdiet azzjoni għall-qsim tal-ġid komuni, il-qorti tista' tawtorizza l-bejgħ tal-ħaġa komuni skont ir-rieda tal-maġġoranza tal-komproprjetarji, kemm-il darba ma jirriżultalix li l-komproprjetarji li, għal xi raġuni jew oħra, mhux jaderixxu għall-bejgħ propost, se jkunu gravement ippreġudikati. L-elementi li jsawwru din l-azzjoni ġew eżaminati fid-deċiżjoni ***Avukat Dr Victor Bugeja et vs. Dr Benjamin Valenzia nomine et*** (Prim'Awla, 2/6/2016).

14. Kif ingħad, l-attur għandu l-akbar sehem fil-Fond. Huwa ipproċeda permezz ta' rikors ġuramentat, u mhux b'rikors kif jgħid l-artikolu 495A(2), iżda ebda nullità jew difett ma jqumu għal din ir-raġuni, kif jipprovdi bl-aktar mod ċar l-artikolu 164 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. L-attur issodisfa wkoll il-ħtiġiet imposti mit-tieni u mir-raba' subinċiżi tal-artikolu 495A, u ċjoè kkonferma bil-ġurament li huwa ma jafx fejn huma jew min huma s-sidien tal-ishma ndiviżi rimanenti, kif ukoll ressaq dikjarazzjoni sabiex il-bejgħ isir kif propost fil-konvenju u prospett tal-ishma ndiviżi rispettivi fil-Fond.

15. L-azzjoni saret kontra kuraturi deputati li qed jidhru għas-sidien assenti jew mhux magħrufa tal-ishma ndiviżi rimanenti. Dan huwa espressament kontemplat fit-tielet subinċiż tal-artikolu 495A, u l-liġi tagħna tagħraf il-possibilità li kuraturi jiġu maħtura biex jirrappreżentaw sidien mhux magħrufa anki lil'hinn mill-parametri tal-artikolu 495A (ara ***Villa Fermaux Limited vs. Dr Joseph Ellis noe et***, Prim'Awla, 9/10/2014).

16. Dwar x'jikkostitwixxi preġudizzju gravi għal finijiet tal-artikolu 495A(1), il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Nutar Richard Vella Laurenti et vs. John Vella Laurenti et*** (27/1/2017) qieset hekk:

> Meta l-liġi fl-artikolu msemmi issemmi l-kelma preġudizzju tinftiehem li dan irid ikun **gravi** – b'tali mod li l-bejgh eventwali tal-proprjeta` in kwistjoni jkun biex wieħed juża terminu bl-ingliż "manifestly unfair" għad-dissident.
>
> ...
>
> Din il-Qorti żżid tgħid li biex tiddeċiedi li ma taderixxix għat-talba għall-bejgħ mhux biżżejjed li l-konvenut jesebixxi stimi li juri differenza fil-valur tal-proprjeta` li finalment jekk tinqasam bejn il-koproprjetarji tkun relattivament zgħira. L-iskop tal-Artikolu 495A mhuwiex biex jiġi assigurat bi preċiżjoni l-valur tal-proprjeta` fis-suq – xi ħaġa finalment soġġettiva sia pure bil-benefiċċju tal-perizja teknika – iżda li tassikura bejgħ bi prezz ġust (li jkun assikurat għaliex miftiehem fil-konvenju) li ma jilledi lill-ebda propjetarju.

17. Kif ġie wkoll imfisser fid-deċiżjoni ***Helen Zammit et vs. Madeleine Muscat*** (Appell Superjuri, 5/10/2018): «*Illi għar-rigward tal-preġudizzju serju jew gravi minħabba l-bejgħ li jkun se jsir, dan irid ikun ta' sura tali li jkun manifestament inikwu għall-parti mġarrba. Madankollu, biex Qorti tiddeċiedi jekk tilqax jew le talba għall-bejgħ ma huwiex biżżejjed li l-parti intimata tressaq stejjem li juru differenza fil-valur tal-proprjeta' fejn id-differenza fil-valur bejn il-prezz miftiehem u l-valur fl-istima tkun relattivament żgħira. Kif ingħad, l-iskop tal-artikolu 495A mhuwiex biex jiġi assigurat bi preċiżjoni l-valur tal-proprjeta' fis- suq, imma li tara li l-bejgħ isir bi prezz xieraq li ma jġib ħsara lill-ebda proprjetarju*».

18. Kif ingħad, l-attur ressaq rapport ta' perit inkarigat minnu, li però jirrigwarda l-valur fis-suq tal-Fond tmien snin ilu. Il-fatt li ma ġiex nominat perit tekniku m'huwiex fatali fir-rigward tat-talbiet tal-attur (ara, per eżempju, ***Margaret Galea pro et noe et vs. Victoria Galea***, Appell Superjuri, 23/11/2020). Il-prezz indikat f'din l-istima huwa dak indikat fil-konvenju li xpruna dawn il-proċeduri, u jidher li kien ukoll jikkostitwixxi l-bażi tal-prezz li bih l-attur kiseb l-ishma tiegħu. Kemm hu hekk, il-prezz fil-varji kuntratti t'akkwist huma dejjem frazzjoni tal-prezz globali ta' €55,000, li huwa l-prezz li bih l-attur qed jipproponi li jbiegħ issa.

19. Issa l-qorti jidhrilha li l-istima preżentata mill-attur m'għadhiex tgħodd għaż-żmien tal-lum. Hekk ukoll, tinsab perplessa kif l-attur jidher li jrid ibiegħ bl-istess prezz li bih huwa xtara. Però l-ġurisprudenza ta' dawn il-qrati hija ċara fis-sens illi l-azzjoni taħt l-

artikolu 495A m'hijiex intiża biex tiggarantixxi l-aħjar prezz fis-suq, iżda tipprovdi biss rimedju kif ġid miżmum in komuni jinbiegħ anki mingħajr il-kunsens tal-interessati kollha, diment li ma jinħoloqx preġudizzju gravi. Issa tenut kont tad-daqs ċkejken tal-ishma ndiviżi li ma jappartjenux lill-attur, huwa inevitabbli li jiġi konkluż li kull nuqqas fil-prezz pattwit fil-konvenju ma jistax iwassal għal xi preġudizzju li jista' jitqies gravi fit-termini tal-liġi. B'mod t'eżempju, sehem il-komproprjetarji mhux magħrufa mill-prezz ta' €55,000 huwa ta' €8,351.85 (€55,000*41/270). Li kieku wieħed kellu jqis li l-prezz tal-Fond żdied mis-sena 2016 bir-rata ta' 10% kull sena, jiġi li fiż-żmien meta nfetħet din il-kawża, l-Fond kellu valur ta' €93,500, li minnu sehem il-komproprjetarji mhux magħrufa jiġi €14,198, u ċjoè €5,846.30 biss iktar. Issa d-differenza fil-verità hija anqas minn hekk, billi r-rata t'apprezzament applikata f'dan l-eżempju mill-qorti hija aktarx eżaġerata. Il-qorti ma jidhrilix li din l-avarija tista' tikkostitwixxi preġudizzju gravi (ara f'dan is-sens ***B.D. Limited et vs. L-Avukat Dr Josette Sultana et noe***, Prim'Awla, 4/4/2022).

20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, kif ukoll tal-fatt li l-kuraturi deputati fl-udjenza tal-25 ta' Marzu 2024 ddikjaraw li mhux jikkontestaw il-kontenut tar-rapport peritali, il-qorti qed tasal għall-konklużjoni illi ma jirriżultax preġudizzju gravi.

21. Għaldaqstant il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tawtorizza l-bejgh tal-Fond a tenur tal-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili, bil-prezz u skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet kollha miftehma fil-konvenju datat it-tletin (30) ta' Diċembru tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) u dan favur ta' Marthese Vella iżda mhux kwalunkwè terza persuna oħra, la darba fil-konvenju msemmi ma ġiex stipulat jedd għaċ-ċessjoni tal-konvenju;

(ii) taħtar lin-Nutar Rachelle Farrugia Buhagiar sabiex tippubblika l-att finali ta' xiri u bejgħ, u dan f'jum, ħin u lok li jiġu ffissati mill-qorti wara rikors mill-istess nutar pubbliku;

(iii) taħtar lill-Avukat Brandon Kirk Muscat bħala kuratur sabiex jidher fuq l-att finali ta' xiri u bejgħ ordnat b'din id-deċiżjoni għal kull eventwali kontumaċi;

(iv) tordna lill-kuratur maħtur b'din id-deċiżjoni sabiex jiddepożita fir-Reġistru Tagħha s-sehem tal-prezz spettanti lis-sidien mhux magħrufa, wara li minn dan is-sehem titnaqqas kull taxxa dovuta;

(v) l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati minn kull parti skont is-sehem tagħha fil-Fond.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur